MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2012

Numru 1245/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT VELLA**
**VS**
**MAXIMILIAN CIANTAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Maximilian Ciantar, ta’ 21 sena bin Emanuel u Diane xebba Borg, mwieled gewwa l-Pieta’ nhar it-22 ta’ Jannar 1990 u residenti fil-fond numru 43, Triq is-Sebh, Marsa, w detentur tal-karta ta’l-identita’ bin-numru 75690(M),

Akkuzat talli nhar id-9 ta’Novembru 2011 ghall-habta tas-7.30 ta’ filghaxija gewwa dawn il-gzejjer:-

1. Saq vettura tal-ghamla Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni KIM324 matul il-perjodu illi huwa kien skwalifikat milli jkollu licenzja tas-sewqan, bi ksur tal-Art. 59 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb biss li jaghmel uzu temporanju minn vettura tal-ghamla Toyota Vitz bin-numru ta'registrazzjoni KIM324, ghamel dan minghajr ma kellu kunsens tas-sid tal-imsemmija vettura, bi ksur tal-Art. 61 (1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni KIM324 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga minn Transport Malta taht dik il-kategorija ghall-imsemmija vettura, bi ksur tal-Art. 15 (1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta'Malta;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq vettura tal-ghamla Toyota Vitz bin-numru ta'registrazzjoni KIM324 minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta' dwar riskji ghal terzi persuni, bi ksur tal-Art. 3 tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli ksirt il-provediment ta'l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu fit-23 ta'Settembru 2010 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta'Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba illi tiskwalifika lil Maximilian Ciantar milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal dak it-

tul ta’zmien li jidrilha xieraq u kif ukoll tordna l-konfiska tal-vettura Toyota Vitz bin-numru ta’registrazzjoni KIM324.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u ta’ l-imputat, sabiex il- kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi skond ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u cioe mit-testimonjanza ta’ l-Ispettur Robert Vella jirrizulta li fid-9 ta’ Novembru 2011 kien gie nfurmat mis-superjuri tieghu (Supretendent Grech) li l-Iskwadra Mobbli kienet arrestat lill-Maximilian Ciantar waqt li kien qieghed isuq vettura fl-inhawi tal-Hamrun, meta kellu il-Licenzja tas-Sewqan tieghu sospiza (ara xhieda a fol 82).

Ghaldaqstant l-Ispettur Vella investiga lill-imputat u wara illi gharrfu bid-drittijiet tieghu, inkluz id-dritt li jikkonsulta ma’ Avukat, l-imputat ghazel li ma ‘jwiegeb ghal ebda domanda maghmula lilu. L-Spettur Vella ikkonferma DOK RV 6 u RV 6A. Giet ezebita ukoll RV 5, ir-rifjut tal-parir legali, da parti ta l-imputat. Gew ezebiti z-zewg sentenzi RV 11 u RV 12 ghal fini ta’ l-akkuza tar-recediva u ghal fini ta’ l-akkuza tal-ksur tal-*Probation.* Gew ezebiti bhala DOK RV 10, ic-cwievet tal-karozza KIM 324.

Emanuel Ciantar (a fol 80), missier l-imputat, ghazel li ma jixidx kontra ibnu, l-imputat.

PC 1035 Norbert Micallef ikkonferma li huwa kien stazzjonat ma’ l-Iskwadra Mobbli u kien qieghed *patrol* fl-inhawi tal-Hamrun flimkien ma PC 1302. Ghall-habta tas-sebgha u kwart ta’ filghaxija (7:15pm) innutaw *Toyota Vitz* KIM 324 ,li kienet qedgha tigi misjuqa bil-mod. PC 1035 xhed illi l-Ispettur Cilia kien infurmah li l-imputat kien qieghed jaghmel uzu minn din il-vettura w li l-Pulizija kellhom jinnutaw is-sewwieq ta’ din il-karozza . Illi ghaldaqstant PC 1035 segwa lill-vettura KIM 324 u fil-mument opportun intercettha. PC 1035 xhed illi kien talab lill-imputat ghad-dokumenti, izda dawn ma kienux fuq il-persuna tieghu. PC 1035 gharaf lill-imputat prezenti fl-awla, bhala s-sewwieq tal-vettura KIM 324. PC 1035 xhed illi l-imputat kellu mieghu passigiera illi kienet incinta, u li l-imputat ma tenna ebda diskors fuq il-kundizzjoni taghha.

PC 1302 Clint Zammit (a fol 92 et seq) ikkonferma ix-xhieda ta’ PC 1035, u gharaf lill-imputat bhala s-sewwieq tal-vettura KIM 324. Ikkonferma li l-imputat meta gie intercettat mill-Pulizija kien qieghed isuq skond il-Ligi bi tletin kilometru fis-siegha (30kmh). Ikkonferma ukoll il-gravidanza tal-passiggiera tieghu u li ebda informazzjoni ulterjuri ma inghata dwar il-kundizzjoni taghha.

Supretendent Antonello Grech (a fol 95) xhed illi gie nfurmat bl-arrest ta’ l-imputat mill-Pulizija ta’ l-Iskwadra Mobbli stante li il-licenzja ta’ l-imputat kienet giet sospiza b’sentenza tal-Qorti. Supretendent Grech xhed illi huwa kien informa lill-familjari ta’ l-imputat li assigurawh li hadd minnhom ma kien ta lill-imputat il-karozza tieghu.

PS 321 Alan Lagrasta ikkonferma (a fol 98) ix-xhieda tas-Supretendent Grech u xhed illi il-karozza KIM 324 kienet tintuza minn oht l-imputat Kim Ciantar.

Stephen Cachia, rapprezentant ta’ *Transport Malta* (a fol 100), xhed illi il-karozza KIM 324 *Toyota Vitz* kienet registrata fuq Emanuel Ciantar, missier l-imputat u li l-imputat Maximilian Ciantar ma kellu ebda kategorija ta’ Licenzja tas-Sewqan. Stephen Cachia xhed illi l-imputat

Maximilian Ciantar kellu tlett skwalifiki tal-licenzja tas-sewqan datati:

1. Mit-22 ta' Jannar 2008 sal- 21 ta' April 2008;
2. Mill-1 ta' Novembru 2007 sat- 30 ta'April 2000;
3. Mill-24 ta' Ottubru 2011 sat-23 ta' April 2012. ( ara DOK TM a fol 103)

PS 1195 Conrad Debattista, (a fol 106), kkonferma DOK RV 5 u RV 6 u li l-imputat gie mgharraf bid-drittijiet tieghu.

PC 1456 Jonathan Cassar (a fol 108), ikkonferma DOK RV 5 cioe ir-rifjut tad-dritt ta'konsultazzjoni legali da parti ta' l-imputat.

PS 546 Mario Deguara (a fol 110 et seq), ikkonferma li wettaq tfittxija fil-vettura KIM 324 fil-prezenza ta' Emanuel Ciantar , PC 275 u PC 637 Fotagrafu tal-Pulizija li gibed diversi ritratti u ezebixxa ricevuta DOK PS.

PC 275 Thomas Dimech (a fol 113), ikkonferma il-prezenza tieghu fit-tfittixija fuq imsemmija u ricevuta DOK PS.

Spettur Elton Taliana (a fol 128), ikkonferma l-identita ta' l-imputat, b'referenza ghas-sentenza tas-27 ta' Lulju 2011 tal-Magistarat Dr. Doreen Clarke u l-istess sentenza appellata ta' l-Imhallef Dr. Laurence Quintano ta' l-24 t' Ottubru 2011.

Spettur Antoine Cilia (a fol 130) , ikkonferma li rcieva informazzjoni kunfidenzjali fl-4 ta' Novembru 2011, li l-imputat kien qieghed jaghmel uzu mill-vettura KIM 324 u li kien qieghed isuq fl-inhawi tal-Gzira, Hamrun u l-Belt. Illi ghaldaqstant huwa laqqa'l-Iskwadra Mobbli sabiex itighom istruzzjonijiet sabiex ikunu vigilanti ghall-movimenti ta' din il-vettura, u wahhal notizzja ta' l-istess fuq in-*notice board*.

PC 31 Mario Farrugia (a fol 132), *orderly* fl-Ghassa tal-Hamrun ikkonferma l-arrest ta' l-imputat fid-9 ta' Novembru 2011 mill-Iskwadra Mobbli u ezebixxa l-okkorenza DOK PC.

Mary Tanti (a fol 143) ezebit il-partikolari ta' Emanuel, Kimberly u Maximilian Ciantar (ara DOK ID).

PS 241 Nicholas Farrugia ikkonferma li gie mgharraf bl-arrest ta' l-imputat u niezel fuq il-post u bil-permess ta' Kim Ciantar saq il-vettura KIM 324 sad-depot tal-Pulizija, imforma lill-imputat bid-drittijiet tieghu u informa lill-Ispettur Vella.

Anthony Savona, rapprezentant ta` Fogg Insurance, ikkonferma li l-vettura Kim 324 kienet koperta b'polza ta' l-assigurazzjoni, b'diversi kundizzjonijiet inkluz li Emanuel Ciantar u Kim Ciantar biss setghu isuqu din il-vettura u b'eskluzzjoni specifika ta' l-imputat Ciantar. Giet ezebita DOK S.

In kontro ezami Anthony Savona ma kienx jaf bid-direttiva ta' l'Unjoni Ewropea, ghall-assigurazzjoni ta' vetturi.

Supretendent Antonello Grech ikkonferma illi fil-bicca l-kbira tal-kawzi tat-tip simili ghal kaz in ezami il-Pulizija jipprocedu minghajr l-arrest ta' l-imputat imma dejjem tibqa' id-diskrezzjoni tal-Pulizija li imexxu b'arrest.

Spettur Marisa Camilleri xhedet li fi zmien illi resqet lill-imputat il-Qorti huwa kien qieghed jghix ma nanntu , 43, Triq is-Sebh Marsa. Il-Familja ta' l-imputat joqghodu Saphire, Valletta Road, Qormi.

Lucy Ciantar, in-nanna ta' l-imputat, ikkonfermat li tghix 43, Triq is-Sebh, Marsa flimkien ma l-imputat , waqt li l-genituri tieghu joqghodu Hal Qormi. Lucy Ciantar xhedet illi wara li l-imputat hareg mill-habs, hi, flimkien ma' l-imputat, nizlu jghixu ghand Emanuel Ciantar.

Ikkonsidrat :

Illi mix-xhieda fuq esposta jirrizulta b'mod sgiaccanti illi l-imputat Maximilian Ciantar **qatt** m' ottjena Licenzja tas-Sewqan ta' ebda kategorija u kien fl-impossibilita li jotjeni Licenzja tas-Sewqan , ghaliex ghandu Licenzja tas-

Sewqan sospiza b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati u tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

Jirrizulta sodisfacenti approvat illi fid-9 ta' Novembru 2011, u cioe f'data meta l-imputat kien ghadu affetwat bis-sospenzjoni ta' kull Licenzja tas-Sewqan, instab isuq il-vettura Kim 324 fl-inhawi tal-Hamrun, albeit li kien qieghed isuq bil-galbu u b'mod addattat ghall-sewqan fi triq urbana. Mieghu kien hemm l-gharusa ta' l-imputat li kienet b'sitt xhur tqala. Din ix-xhieda hija inekwivoka u dan l-istat ta' fatt gie kristallizzat mix-xhieda ta' PC 1035 u PC 1302. Illi ghaldaqstant il-prosekuzzjoni ipprovaw li l'hinn min kull dubbju dettat mir-raguni, l-ewwel akkuza (1) u t-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat.

Illi ghal rigward tat-tieni akkuza (2), jirrizulta mill-investigazzjoni li wettqu l-Pulizija illi l-imputat ghamel uzu temporanju mill-vettura Toyota Vitz KIM 324 minghajr il-kunsens il-kunsens ta' sid l-istess vettura.

Illi ghal rigward ghar-raba' akkuza (4) u cioe l-imputat saq il-vettura KIM 324 minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta dwar riskji ghall terzi persuni, in vjolazzjoni ta' l-Artikolu 3 tal-Kap 104, jirrizulta ampjament ipprovat illi din il-vettura kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni minn sidha, Emanuel Ciantar kif jidher minn DOK S fejn jirrizulta kondizzjoni li teskludi lill-imputat mis-sewqan ta' tali vettura.

Illi Artikolu 12 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi :

"12. (1) Where a certificate of insurance has been issued under article 4(4) to the person by whom a policy has been effected, so much of the policy as purports to restrict the insurance of the persons insured thereby by reference to any of the following matters:

(*a*) the condition of the person driving the vehicle; or
(*b*) the condition of the vehicle; or
(*c*) the number of persons that the vehicle carries; or
(*d*) the weight or physical characteristics of the goods that the vehicle carries; or

(*e*) the times at which or the areas within which the vehicle is used; or
(*f*) the horse-power or value of the vehicle; or
(*g*) the carrying on the vehicle of any particular apparatus;or
(*h*) the carrying on the vehicle of any particular means of identification other than any means of identification required to be carried by or under any law in force; or
(*i*) the colour of the vehicles; or
(*j*) the age of the person driving the vehicle,

**shall, as respects such liabilities as are required to be covered by a policy under article 4(1), be of no effect:**

Provided that nothing in this subarticle shall require an authorized insurer to pay any sum in respect of the liability of any person otherwise than in or towards the discharge of that liability,and any sum paid by an authorized insurer in or towards the discharge of any liability of any person which is covered by the policy by virtue only of this subarticle shall be recoverable by the authorized insurer from that person."

Illi dan l-Artikolu tal-Ligi huwa intiz sabiex ikopri drittijiet ta' terzi persuni, pero m'huwiex intiz sabiex ikopri b'immunita min m'ghandux Licenzja tas-Sewqan u min m'huwiex kopert personalment bil-polza t'assikurazzjoni.

Il-Prosekuzzjoni rnexxiela tezebixxi diversi sentenzi li minnhom temina is-sospenzjoni tal-Licenzja tas-Sewqan ta' l-imputat u l-Ispettur Elton Taliana identifika lill-imputat f'dawn il-proceduri.

Ghandu jinghad illi ghal dak li jirrigwarda l-akkuza tal-ksur tal-*Probation*, il-prosekuzzjoni ezebit is-sentenza ta' din l-istess Qorti kif preseduta u cioe is-sentenza datata 23 ta' Settembru 2010 ,DOK RV 12 li tikkontjenti il-*particulars* koretti ta' l-imputat.

Ghaldaqstant il-hames (5) akkuza hija pprovata skond il-Ligi.

Illi ghal dawn il-mottivi il-Qorti issib lill-imputat hati skond l-akkuza, b'assorbiment ghal fini ta' piena tat-tielet akkuza (3) fl-ewwel akkuza (1), u wara li rat Artikolu 59, 61 (1) , 15 (1) ,tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta , Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 23 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghall tlett xhur (3) prigunerija li minnha irid jitnaqqas iz-zmien illi l-imputat qatta' f'arrest preventiv, tikkundannah ihallas multa ta' 1165 ewro li ghandhom jithallsu fi zmien sitt xhur b'rata mensili. In oltre il-Qorti tordna is-sospenzjoni tal-Licenzja tas-Sewqan ta' l-imputat ghal perjodu ta' sena.

Il-Qorti tichad it-talba tal-prosekuzzjoni ghall-konfiska tal-vettura KIM 324 liema vettura hija propjeta ta' Emanauel Ciantar u li ma jirrizultax li l-istess Emanuel Ciantar ta il-permess tieghu lill-imputat biex isuq il-vettura indikat, anzi jirrizulta proprijament il-kuntrarju.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-isfida ta' l-imputat ghal kull awtorita kompetenti, l-eta tieghu, l-Fedina Penali tieghu, u ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata u lid-Direttur ta' Transport Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------